SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 47-18**

**29 ta' Settembru 2018**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fid-9.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsilliera Caroline Galea infurmat lill-Kunsill li ma setgħetx tattendi għall-Laqgħa

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**47.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qara ittra ta' aploġija tal-Kunsilliera Caroline Galea.

**47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 46-18**

**47.2.1 *Kwotazzjoni għal xiri ta' roadhumps ġodda f'Dawret it-Torri***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 46.3.2 tal-laqgħa preċedenti u staqsa kienx hemm xi żvilupp fuq il-manutenzjoni tar-*road humps*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawk ir-*road humps* spiċċaw biż-żmien u ma tarax kif tista issir manutenzjoni fuqhom. Il-Kunsill qabel u ġie deċiż li ssir applikazzjoni biex dawn isiru tal-konkos. Il-perit għandu jiġi nfurmat ħalli jlesti proposta biex tinbgħat Transport Malta għall-permess.

**47.2.2 *Sparar tal-Festa***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 46.2.1 u staqsa bediex is-*survey* li kellu jsir dwar l-isparar fil-festi. Huwa ġie nfurmat li inbgħtau l-mistoqsijiet kif proposti mill-kunsilliera u kif jitħejjew dawk finali jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**47.2.3 *Skart Industrijali fi Triq il-Qoton***

Il-Viċi Sindku staqsa jekk kinitx intbgħatet l-ittra lill-operaturi ta' negozji fi Triq il-Qoton. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għad trid tibgħata. Huwa qal li l-LESA qed tara li dawn l-operaturi jkollom il-kuntrattur tagħhom.

**47.2.4 *New Street Lighting***

Il-Kunsillier Bonello staqsa jekk twaħlitx il-*bracket* bil-lampa fi Triq Għeneb id-Dib. Huwa ġie nfurmat li kienet saret l-ordni ta' xogħol. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir whip type pole fi Triq Lellux ħdejn it-tabella ta' Ipoġew.

**47.2.5 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 46-18 ġew approvati mill-Kunsill.

**47.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**47.3.1 *Kwotazzjoni għall-manutenzjoni ta' gutter f'Dawret it-Torri***

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjoni għal manutenzzjoni ta' *gutter* f'Dawret it-Torri. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni għal installazjoni u provista ta' gutter tal-ħadid li tammonta għas-somma ta' €500.00 Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jiġi ordnat malajr kemm jista' jkun minħabba l-

periklu.

**47.3.2 Kwotazzjoni biex jinxtraw u jitwaħħlu ħames *bollards* fl-entratura ta' Ġnien is-Serenita'.**

Il-Kunsill qabel li jinxtraw dawn il-*bollards* u għażel tip ta' *bollard* li ser tkun tista tinqala u tkun tista ssirilha l-katina bejn *bollard* u oħra.

**47.3.3** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM47-18 għall-perjodu bejn l-14 ta' Awwissu 2018 sad-19 ta' Settembru 2018 u minn *cheque* numru BOV 7338 sa *cheque* numru BOV 7366.

**Il-Viċi Sindku ħareġ mill-laqgħa fid-9.55a.m.**

**47.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**47.4.1** ***Talba għall-clearance fuq art amministrata mill-Kunsill***

Il-Kunsill iddiskuta talba li saret min Perit għan-nom ta' żewġ sidien tal-ħwienet fi Triq Inez Soler biex il-Kunsill joħroġ *no objection* biex dawn jestendu il-propjeta kummerċjali tagħhom. Il-Kunsill ma laqgħax din it-talba minħabba li l-area li qed tintalab diġa hija allokata għall-proġett taċ-Ċentru tal-Kommunita'.

**47.4.2** ***Servizz ta' tisqija mill-ELC***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li Transport Malta ser tkun qed tħawwel numru ta' siġar taż-Żebbuġ fl-area ta' wara l-Klabb tal-Boċċi. Huwa qal li Transport Malta ser tkun qed tidħol fi ftehim ta' sena mal-ELC dwar it-tisqija ta' dawn is-siġar. Fl-għeluq ta' din is-sena it-tisqija ta' dawn is-siġar taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill hu issir bil-kuntratt li għandu l-Kunsill mal-ELC.

**47.4.3** ***AUM Video***

Is-Sindku irrefera għal permess li ta biex ikun jista' jinġibed video tal-American University of Malta fi Ġnien is-Serenita' . Huwa qal li dan kien proġett tal-Gvern li qabbad kumpanija privata biex tieħu dan il-video. Huwa qal li din l-Universita' ser toffri Scholarships b'xejn lill-studenti Maltin. Huwa semma xi okkazjonijiet oħra fejn il-Gvern uża l-Ġnien Ċiniz u kera servizzi kummerċjali bħal kiri ta' tined etc. Huwa qal li kien talab konferma bil-miktub li t-talba li saret għal użu tal-Ġnien kienet ġejja mill-Gvern Ċentrali f'isem il-Ministeru tal-Edukazzjoni. Huwa qal li din il-konferma għandha tintbgħat lilu fil-ġranet li ġejjin.

**47.4.4** ***Attivita' b'risq l-Istrina fil-Ġnien Ċiniż***

Is-Sindku qal li fit-2 ta' Diċembru 2018 ser issir attivita' kbira fi Ġnien is-Serenita b'risq l-Istrina biex il-flus li jinġabru jiġu ppreżentati fis-26 ta' Diċembru 2018 waqt l-attivita' tal-Istrina. Huwa qal li ser ikun hemm diversi *stalls* u attivitajiet waqt dan l-avveniment li jinkludi l-Blood Bank u *hairdressing* u *lifebands*. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet min ser iħallas għal ispejjeż involuti fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment. Is-Sindku qal li jridu jinstabu *sponsors* u li l-ispejjeż involuti jistu jiġu koperti mill-organizzaturi tal-Istrina. Huwa qal li d-donazzjonijiet ser jinġabru mill-Community Chest Fund u l-Kunsill jippreżentahom fl-Istrina. Huwa assigura li bħala Kunsill mhux ser ikollu x'jaqsam ma' flus.

**47.4.5** ***Żjara fi Ġnien is-Serenita' mir-Ritired Teachers Section tal-MUT***

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar talba biex grupp ta' teachers irtirati jżuru l-Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni għal din it-talba.

**47.4.6** ***Upgrading tal-Uffiċini tal-Kunsill***

Is-Sindku tkellem dwar il-bżonn ta' *upgrading* tal-uffiċċju tal-Kunsill speċjalment fir-*reception area*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tieħu parir dwar kif jista jsir *layout* ġdid ta' din l-area biex wara jinġabru kwotazzjonijiet ħalli din l-ispiża tiġi nkluża fil-*budget* li jmiss.

**Il-Viċi Sindku daħal lura għall-laqgħa fl-10.30a.m**

**47.4.7** ***Laqgħa ma' Transport Malta***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-laqgħa ma' Transport Malta ġiet skedata għal nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru 2018. Huwa qal li ser ikun qed jitkellem fuq il-proposti tal-Kunsill u semma dik tal-*Interactive Notice Board*.

**47.4.8** ***Cirkulari SPI 7 2018 – Regolamenti Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data – Żamma ta' Dokumentazzjoni***

Is-Sindku qal is-Segretarju Eżekuttiv qed issib problema fejn ser tqiegħed il-*files* għaldaqstant ser timxi fuq il-linji gwida tad-Data Protection Regulation u dawk il-*files* li issa saru irrelevanti jiġi distrutti. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**47.4.9** ***Attivita' Ġurnata Sqallija***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien ser jorganizza attivita' ta' Ġurnata Sqallija u ta d-dettalji kollha ta' din l-attivita li ser issir fl-10 ta' Novembru 2018.

**47.4.10** ***Open Day fi Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku ressaq talba għall-użu tal-Ġnien Ċiniż biex tittella' Open Day li ser tiġi organizzata miċ-Chinese Clinic. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni għal din it-talba.

**47.4.11** ***CCTV Cameras***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li fil-ġimgħa li ġejja ser jitwaħħlu is-CCTV Cameras. Il-Kunsill qabel li għandha tinġieb kwotazzjoni għal sistema ta' CCTV fi Pjazza 7 ta' Lulju .

**47.4.12** ***Korrispondenza u Talbiet u Ilmenti mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill***

**47.4.12.1** Rigward il-korrispondenza – Ċirkulari AKL 2018-107 is-Sindku ppropona li jibdew jitħallsu l-kontijiet tad-Dawl u Ilma fl-uffiċċju tal-Kunsill. Qamet diskussjoni u s-Segretarju Eżekuttiv qajmet dawn il-punti:

Dan is-servizz ser jiġġenera ammont kbir ta' flus fl-Uffiċċju tal-Kunsill u m'għandniex mezzi ta' siġurta' biex jipproteġu l-ħaddiema f'każ ta' xi inċident. Hija qalet li fl'lokalita' viċin fejn hemm one stop shop ikun hemm ukoll pulizija preżenti fuq il-post. Hija qajmet il-punt li l-Kunsill irid jidħol fi spiża ta' Cash in Transit ħafna aktar frequenti minn darba fil-ġimgħa biss peress li hija kontra r-reġolamenti li jinżammu ammonti ta' kbar ta' flus fil-Kunsill Lokali. Hija semmiet ukoll il-punt li f'Santa Luċija fejn il-maggoranza tar-residenti jabitaw f'housing estates u jħallsu l-kera fil-Kunsill, diġa jkollna l-queue u issa b'dan is-servizz ser jibda jkun hemm aktar nies jistennew biex jinqdew.

**47.4.12.2** Rigward il-korrispondenza – Ċirkulari AKL 2018/155- il-Kunsill qabel li tiġi ffirmata d-dikjarazzjoni li l-Kunsill Lokali ser jipparteċipa fl-inizjattiva kontra r-rilaxxar tal-bżieżaq.

**47.4.12.3** Rigward it-talba tal-Uffiċċjal Eżekuttiv biex tħalli is-sigħat tal-leave li baqalha għas –sena d-dieħla, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni.

**47.4.12.4** Rigward il-korrispondenza dwar Il-Premju Anzjani Attivi, is-Sindku qal li min jixtieq jinnomina lill xi ħadd għandu jinforma l-Kunsill.

**47.4.12.5** Rigward talba biex issir yellow bay quddiem drive in fi Triq Katerina Vitale il-Kunsill qabel li jsir biss yellow line.

**47.4.12.6** Rigward il-korrispondenza minn Caterers stabbiliti li wrew interess fi Gnien is-Serenita', is-Sindku qal li ser isir site meeting u min jixtieq jista jkun preżenti.

**47.4.12.7** Rigward il-korrispondenza dwar online service ta' SOS Malta bl-isem ta' kellimni.com is-Sindku qal li din il-korrispondenza għanda tintbgħat lill-Fondazzjoni Right to Smile u r-rappreżentanti ta' kellimni.com għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fl-attivita b'risq l-Istrina 2018 li ser issir fit-2 ta' Diċembru 2018 fi Ġnien is-Serenita'.

**47.4.12.8** Rigward ilment 47/2018 il-Kunsill qabel li dan mhux fil-kompetenza tal-Kunsill

**47.4.12.9** Rigward il-proposta dwar reklamar tal-Ġnien Ċiniż bħala venue għat-tiġijiet il-Kunsill qabel li jsir reklamar fuq our Wedding guide /2019 għal-ispiża ta' €350.00 + Vat.

**47.4.12.10** Rigward il-korrispondenza dwar programm fuq TVM – Wara Nofsinhar, il-Kunsill irrakkomanda isem ta' residenta li tkun interessata tipparteċipa f'dan il-programm

**47.4.12.11** Rigward korrispondenza bin-numru 57/0894/18I is-Sindku qara *e-mail* li nbagħtet minn residenta li kitbet dwar is-siġar li nqalgħu minħabba l-proġett tal-Mini f' Dawret it-Torri. Is-Sindku qal li dawk is-siġar li nqalgħu ser jerġgħu jitħawlu u fil-każ ta' dawn li ma jistgħux jitħawlu ser isiru siġar ġodda flokhom.

**47.5** Kuntratt SLLC(RMFP) (57-18-04) Road Maintenance Works
Is-Sindku nforma l-Kunsill li għas-sejħa tal-kuntratt hawn fuq imsemmi kien hemm offerta waħda biss. Il-Kunsill qabel li l-*Adjudication Committee* fuq dan il-kuntratt għandu jkollu parir professjonali ta' kif ir-rati mitfugħa fil-Bill of Quantities jikkomperaw ma' dawk fis-suq. Il-Perit tal-Kunsill għandu jiġi nkarigat iħejji rapport f'dan ir-rigward.

**47.6** **Measure 4 – Development of Green Infrastructure**
Il-Kunsill identifika l-area mgħarufa bħala l-iSculpture Garden għal dan il-proġett li jikkonsisti fl-installazjoni ta' LED lighting system, drip irrigation system, xatba tal-injam bejn l-isculpure Garden u l-Picnic Area u u bankijiet mgħamula minn materjal riċiklat. Għandha tintalab kwotazzjoni tal-ispiża nvoluta mill-kuntratturi tal-Kunsill Nexos Lighting u ELC Ltd biex tkun tista titħejja l-istima nvoluta għal dan il-proġett. Il-perit tal-Kunsill għandu jintalab iħejji l-BOQ bl-informazzjoni dettaljata. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li din l-applikazzjoni tagħlaq fis-17 ta' Ottubru 2018.

**47.7 Xogħolijiet**

**47.7.1 Measure 4.3**

Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol relatat mal-proġett ta' kisi ta' toroq rurali f'Wied Garnaw. Dwar it-talba tar-residenti li għad għandhom ir-residenza f'dan il-Wied biex issir is-sistema tad-dranagg huwa qal li dan mhux possibli minħabba li hemm dislivell qawwi min ma t-triq. Huwa ta spjegazzjoni għala ċ-ċnut ma jistgħux jinqatgħu għad-dritt iżda jridu jibqu kif inhuma.

Il-Kunsill qabel li ssir it-talba biex it-toroq jinksew bit-tarmac u mhux bil-konkos u qabel ukoll li l-Kuntrattur għandu jlesti r-rampi ta' quddiem id-djar tan-nies biex jonqos l-inkonvenjent. Il-Kunsillier Sciberras isserġerixxa wkoll li għandha tiġi riabilitata l-area.

**47.7.2 Vandaliżmu fi Ġnien is-Serenita'**

Is-Sindku tkellem dwar atti ta' vandaliżmu li saru fi Ġnien is-Serenita' fejn fost oħrajn tkissret il-mejda taċ-ċeramika. Huwa qal li għalissa kien irranġaha kif seta'.

**47.8 Proġett tal-Promenade f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli**

Is-Sindku ta spjegazzjoni dwar il-proġett tal-promenade kif qed jiġi propost minn Trasport Malta. Huwa qal li ser isir ċint ta' żewġ filati bejn il-promenade u l- wied. Huwa qal li ser isir bicycle lane fuq in-naħa tal-Wied u jsiru l-bankijiet biex il-promenade tispiċċa b'bankina li tmiss mat-triq. Il-Kunsill għandu jerġa jiddiskuti dan il-proġett kif jitlesta s-survey.

**47.9 Attivitajiet tal-Milied**

Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet tal-Milied u qal li kien lest jagħmel il-presepju tal-Milied fuq il-biċċa art maġenb Pjazza 7 ta' Lulju kif propost mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dwar din l-inizjattiva jridu jinġiebu l-*costings* kollha sal-laqgħa li jmiss biex biex dawn jiġu approvati mill-Kunsill. Rigward it-tiżjien tat-toroq bid-dawl tal-Milied il-Kunsill qabel li li jinġabru kwotazzjonijiet b'sejħa fuq il-Gazzetta tal-Gvern. Is-Sindku qal li għal din is-sena xtaq jgħamel fustun bl-ittri *il-Milied u s-Sena t-tajba* li jitqiegħed fid-daħla ta' Santa Luċija. Għandha tinġieb kwotazzjoni ta' dan il-fustun.

Is-Sindku ta dawn id-dettalji tal-attivitajiet li ser jiġu organizzati għal żmien il-festi tal-Milied u s-Sena l-Ġdida kif ġej:

20 ta' Diċembru 2018 – Attivita' tal-Milied għall-Komunita'

22 ta' Diċembru 2018 – Attivita' tal-Milied għat-Tfal

23 Presepju u Purċissjoni

31 ta' Diċembru 2018 – Attivita' tal-Aħħar tas-Sena 2018

Is-Sindku qal li l-ħinijiet ser ikunu bħal dawk tas-sena l-oħra.

**47.10 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku qara e-mail tal-Kunsillier Sciberras fejn dan staqsa kemm il-Kunsill kien involut fil-ħidma sportiva fil-lokalita'. Is-Sindku semma l-iSports Day li kienet ġiet organizzata fix-xahar ta' u semma wkoll l-appoġġ li l-Kunsill jagħti lill-klabbs sportivi fil-lokalita'.

**47.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-11.30a.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru 2018 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2018

**Terrence Ellul**
**Sindku**

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**